MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 27

23 ta' Ġunju 2026

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, li jinsab fi Ġnien Ħal Warda, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Remigio Bartolo – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.37pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kienu preżenti fil-ħin.

## 27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

27.1.1 Is-Sur Remigio Bartolo bagħat li kien jinsab indispost.

## 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

27.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 26 ġew approvati.

## 27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

27.3.1 *Uffiċini Ġodda*

Is-Sur Cordina qal li ġie l-Inġinier u qal li kollox sew u li r-rapport sal-aħħar tal-ġimgħa se jkun onlajn.

27.3.2 *Kwistjoni Jean Agius*

Is-Sur Agius waħħal *bollards* u *sleeping policeman* bla permess u mhux skont l-ispeċifikazzjonijiet, quddiem il-propjetà tiegħu. Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn TM fejn l-awtorità ġiet infurmata b'kollox filwaqt li s-Sur Agius ġie nfurmat li kull struttura kemm il-*bollards* ta' quddiemu u faċċata huma kollha illegali.

Is-Sur Cordina qal li s-Sur Agius qed isostni li l-vetturi jgħaddu riħ u talab ukoll l t-triq issir direzzjoni waħda. Kompla jgħid li l-Uffiċċjali ta' TM se jmorru għada u li filwaqt li għandu d-dubji tiegħu kemm jgħaddu vetturi minn hemm u kemm minnhom jgħaddu b'veloċità eċċessiva, żgur li mhux se jaċċetta li t-triq issir direzzjoni waħda għax ġa qegħda hekk. Qal ukoll li l-bniedem persistenti u ġieli bagħat imejl kull 20 minuta.

27.3.3 *Petizzjoni Triq P.P.Rubens*

Is-Sur Cordina qal li rċieva petizzjoni sabiex Triq PP Rubens/Qrib Sant'Anton tiġi dħul minn direzzjoni waħda u ma jsir l-ebda dħul minn Triq Birkirkara, Qrib Sant'Anton u Triq Emvin Cremona. Hu qal li ma Triq il-Belt Valletta diġà qegħda l-ebda dħul ħlief biex tagħti servizz. Dan ir-resident li għadu kemm ġie joqgħod il-bieraħ prova jqajjem rewwixta fi triq li ilha kwieta snin. Kompla jgħid li hu qed jitlob li min jidħol minn Emvin Cremona ma jistax idur il fuq, min jidħol minn Triq Birkirkara ikun awtorizzat u fejn hemm in-*No Entry* diġà ma' Triq l-Imdina titneħħa l-eċċezzjoni u ssir *surveillance camera.*

Prattikament Qrib Sant'Anton tiġi *no entry from both sides* u jidħlu residenti biss u min jagħti servizz.







Hu issuġġerixxa li ssir konsultazzjoni mal-Perit imma kif kompla Dr. Musumeci mhux li tiġi *private road*.  Dr. Cassar qal li jistgħu imorru oltre u ssir żona pedonali imma mbagħad ma jidħol ħadd.

Is-Sur Cordina qal li se jiġi ikkonsultat il-Perit, tista' terġa' ssir l-*isleeping policeman* minħabba li dik li hemm iddeterjorat.

Is-Sur Alex Mangion qal li meta ssir petizzjoni ma jfissirx li kollox ben fatt anzi kompla s-Sur Cordina, il-Kunsill jista' jgħid Le.

Dr. Musumeci saqsa jekk din il-persuna taħsibx li hi mportanti għax ma tistax toqgħod tbeżża n-nies.

Is-Sur Bonnici qal li kieku hu qas biss jindaħal kieku, imma jġib lill-uffiċċjali ta' TM u jaraw huma. Is-Sur Cordina qal li TM tkun trid il-proposti mill-Kunsill u xorta trid issir konsultazzjoni mar-residenti.

Kulħadd qabel li l-Kunsill jikkonsulta mal-Perit.

27.3.4 *Pjazza Tumas Dingli*

Is-Sur Cordina qal li l-Pjazza kważi lesta u hu maħsub li jitlesta kollox sal-ewwel ġimgħa ta' Lulju. Il-kuntrattur tal-Kunsill tqabbad jieħu ħsieb il-*Landscaping.* Id-disinn kien ġie modifikat imma l-madum sar simili ta' dak li kien propost fil-pjanta oriġinali.

27.3.5 *Ingaġġ ta' Persuna Skala 16*

Il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa sabiex tiġi ngaġġata persuna fi skala 16 biex tikkumplimenta l-persuna nieqsa miċ-Ċentru għall-Kultura, Edukazzjoni u Informazzjoni hekk kif l-Uffiċċju tal-Kunsill jimxi fi Ġnien Ħal-Warda.

## 27.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

27.4.1 Alex Mangion

- Saqsa fuq il-kuntrattur tal-iskart, jekk hux sejjer sew? Is-Sur Cordina qal li le mhux kollox sejjer sew imma għalissa dak li jista' jsir.

27.4.2 John Bonnici

- Saqsa fuq l-*insurance* tas-safar u għala lilu ma tkopriehx? Is-Sur Cordina qal li l-insurance tal-Kunsill tkopri lill-kulħadd sa 75 sena. Il-Kunsill qabel li jingħata rimbors ta' din l-*insurance* sal-ammont li jħallas il-Kunsill. Dr. Musumeci rrimarka kemm inutli dawn l-*insurances* u l-hassle li ħa l-aħħar li kien Firenze ta' xejn.

27.4.3 Dr. Ralph Cassar

- Saqsa fuq *feedback* ta' trakkijiet fi Triq Dun Gwann Theuma. Is-Sur Cordina qal li l-Pulizija tal-Komunità marru.
- Fuq it-tindif tal-*Embankment* u li qed jinxfu ħafna żebbuġ. Hu issuġġerixxa li nsaqsu lil xi espert għal parir fuq xi siġar tax-xagħri li jgħixu iktar f'dan l-ambjent.
- Saqsa fuq il-finanzjament tar-Reġjun Tramuntana u kif dawn kienu se jitqassmu: ġemellaġġ, Ġieħ Ħ'Attard u l-Iffjurit f'Settembru. Is-Sur Cordina qal li ma jafx x'fadal eżatt imma l-intenzjoni tas-Sur Cassar hi li jara fadalx fondi għal Fiera

Ambjent biex forsi jagħmlu xi ħaġa differenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jista'jsir hu li f'Settembru jaraw f'hiex ikunu u jitkellmu minn hemm.

27.4.4 Dr. Martin Musumeci

- Ippropona li jsir kors minn Dipartiment tal-Università fuq *sustainable development.* Se jiltaqa' magħhom u fil-każ japplikaw għall-fondi tal-EU huma.

## 27.5 Rapporti

### 27.5.1 *Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji Awditjati*

Page 1

Adjusting Journal Entries
Attard LC
December 31, 2025

| AJE No. | Account Description | W/P Ref | Account Number | Lead | Sublead | Debits | Credits |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Exc. Secretary Salaries & Wages | | 1201 | L2 | L2.3 | 165.20 | |
| 1 | Accruals | | 4100 | H1B/1 | H8 | | 165.20 |
| Provided by Council: Being, under accrual for executive secretary's 2025 performance bonus | | | | | | | |
| 2 | Cultural Events | | 3381 | L1 | L1.17 | 143.00 | |
| 2 | Prepayments & Accrued income | | 0250 | I1B/1 | I8 | | 143.00 |
| Provided by Council: Being, deduction in final grant payment of Carnival 2025 scheme (SPI/SCI/08/2024) | | | | | | | |
| 3 | Accruals | | 4100 | H1B/1 | H8 | 1,557.60 | |
| 3 | Cultural Events | | 3381 | L1 | L1.17 | | 1,557.60 |
| Provided by Council: Being, adjustment to decrease accrual for Xmas tree and Xmas lights 2025 | | | | | | | |
| 4 | Cultural Events | | 3381 | L1 | L1.17 | 28,947.00 | |
| 4 | Contributions - refund of expenses | | 0113 | I1A | I5/1 | | 28,947.00 |
| To gross up income related to the cultural events | | | | | | | |
| 5 | ANYC grant capitalised | | GT 01 | E1 | E1/13 | | 240,859.80 |
| 5 | Deferred Income Grants ST - Old LC | | 4152 | H1B/3 | | 4,342.81 | |
| 5 | Deferred Income Grants ST - New LC | | 4156 | H1B/2 | H8/4 | 57,605.76 | |
| 5 | Deferred Income Grants LT 1 | | 4251 | H1B/2 | H8/4 | 127,401.42 | |
| 5 | Deferred Income Grants LT 5 - New L | | 4255 | H1B/2 | H8/4 | 51,510.25 | |
| To transfer grants received to net of PPE under contruction | | | | | | | |
| | Totals | | | | | 271,673.04 | 271,672.60 |

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat il-movimenti relatati maċ-ċifri kif ġej:

- l-ewwel erba' aġġustamenti tranġaw mill-Kunsill stess waqt jew qabel ma bdew il-proċeduri ta' awditjar u kienu jinkludu *typo error* fil-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv, tnaqqis fil-*grant* tal-pagament finali tal-iskema tal-Karnival 2025, tnaqqis fl-*accrual* meħud taħt l-ispejjeż tas-siġra u dwal tal-Milied, tnaqqis mill-*Cultural events* u żieda fil-*contributions-refund* of expenses biex l-ammont jirrifletti dak li l-Kunsill ikun daħħal jew se jdaħħal.
- aġġustament ieħor propost minn Grant Thornton sabiex il-*grants* jinqalgħu mill-*Current Liabilities* u jintefgħu mal-Assi. Dan il-moviment impatta pożittivament l-FSI li niżel minn 120% għal 90%

**Financial Situation Indicator**

| DESCRIPTION | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Current Assets | 116,974 | 2,648 | - | 2,648 |
| Current Liabilities | 823,940 | 528,453 | - | 528,453 |
| Working Capital | (706,966) | (525,805) | - | (525,805) |
| Government Allocation | 784,096 | 784,096 | - | 784,096 |
| FSI | (90) % | (67) % | | (67) % |

Hi kompliet tgħid li fuq dan l-ispunt ġie irranġat ukoll ir-Rapport għar-Raba Kwart tas-sena 2025 u li dawn l-aġġustamenti kollha ġabu differenza fid-*deficit* tal-Kunsill ta' €1,250.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Expenditure** | | | |
| Personnel emoluments | 6 | **(346,754)** | (281,082) |
| Operations and maintenance | | **(276,718)** | (588,244) |
| Administration and other expenditure | | **(275,815)** | (298,703) |
| | | **(899,287)** | (1,168,029) |
| **Deficit for the year – total comprehensive loss** | 5 | **(24,188)** | (181,458) |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Expenditure** | | | |
| Personnel emoluments | 6 | **(346,919)** | (281,082) |
| Operations and maintenance | 7 | **(285,015)** | (588,244) |
| Administration and other expenditure | 8 | **(295,050)** | (324,167) |
| | | **(926,984)** | (1,193,493) |
| **Deficit for the year – total comprehensive income** | 5 | **(22,938)** | (181,458) |

Dr. Musumeci saqsa kif minn *liabilities* marru asset mill-ftit accounts li jaf. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*grants* fl-*accounts* imorru kollha *deferred income* minħabba dik in-nuqqas ta' ċertezza li dawn se jiġu riċevuti kollha. Ġaladarba kien isir hekk dawn kienu jaqgħu taħt *current liability,* imma meta l-grants jiġu klassifikati bħalha ass u jiġu kapiltalizżati il-moviment joħloq tnaqqis mill-liability u jtejjeb il-FSI.

Semmiet ukoll ir-riklassifikazjoni mid-*Debtors Control Account* għall-*Payables*, li saret minn Grant Thornton li la mpattat il-*Balance Sheet* u lanqas il-*Profit and Loss.*

December 31, 2025

| RJE No. | Account Description | W/P Ref | Account Number | Lead | Sublead | Debits | Credits |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Debtors control account | | 0201 | I1B/1 | I6 | 48,849.65 | |
| 1 | Payables | | 4000 | H1B/1 | H7 | | 48,849.65 |
| To reclass debit credit balance in debtor's listing for FS purposes | | | | | | | |
| | | | | | | 48,849.65 | 48,849.65 |

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm iktar korrezzjonijiet min-naħa ta' Grant Thornton u kollox ġie maqbul ħlief għall-flejjes dovuti lir-Reġjun Tramuntana li skont ir-Reġjun jammontaw għal 252K u skont il-Kunsill 207K. Kompliet tgħid li baqgħet isostni d-deċizjoni tal-Kunsill li l-flejjes dovuti lir-Reġjun jeskludu l-ispejjeż li saru fl-2023 ta' 23K u l-2024 ta' 19K żejda meta l-iskart kien f'idejn il-Kunsill u kienu jsiru ġabriet addizzjonali biex jinġabar il-kartun. Dan skont iċ-ċirkulari maħruġa dak iż-żmien li kienet tgħid li l-lokalità għandha tinżamm nadifa. Hi qalet li waqt l-awditjar tas-sena l-oħra ma kienx hemm kummenti fuq ta' 2023 għax ittieħed bħalha ammont aċċettat u deduċibbli, imma din is-sena reġa' nqala l-istess issue kemm fuq ta' 2023 u anke fuq ta' 2024.

Minħabba dan  in-nuqqas ta' qbil l-estimi finanzjarji se jittieħdu bħala *qualified*. Grant Thornton issuġġerew li din is-sitwazzjoni trid tiġi riżolta amikevolment mar-Reġjun Tramuntana u li ssir laqgħa bejn ir-Reġjun, l-Kunsill u d-Dipartment tal-Kunsilli Lokali.

Inqraw żewġ imejls mibgħutha bejn il-Kunsill u r-Reġjun Tramuntana u kien hemm diskussjoni li saret preċedentament f'laqgħat oħra fejn reġgħu issemmew il-ġbir ta' kartun, il-konteorituri tal-ħġieġ, il-kalendarju maħruġ mill-Kunsill u li l-Kunsill kien pilota kemm f'din l-inizjattiva, kif ukoll meta bdew it-trakkijiet twin pack.

L-Estimi finanzjarji ġew approvati u ffirmati inkluż id-dokumentazzjoni rigward l-aġġustamenti u *reclassfication*.
Il-*Letter of Representation* ġiet approvata u ffirmata
Ir-Raba Rapport tas-Sena 2025 ġie approvat u ffirmat.

## 27.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 27.6.1 *Riżoluzzjoni SPI/SCI/05/2026*

*Is-Sur Cordina qara u ippropona u Dr. Helen Caruana issekondat din ir-Riżoluzzjoni:*

KUNSILL LOKALI
**Ħ'ATTARD**

13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard
Tel: (+356) 21411111/21433979
Fax: (+356) 21411414
E-mail: attard.lc@gov.mt
http://www.attard.gov.mt

22 ta' Ġunju 2026

**RIŻOLUZZJONI 10**

Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed japprova li japplika għal fondi sabiex isir tibdil fir-rubber flooring ġewwa Ġnien Misraħ Kola kif ukoll tibdil tal-apparat tal-logħob tat-tfal u r-rubber flooring ġewwa Ġnien il-Kunsill permezz tal-iskema SPI/SCI/05/2026 Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità.

Din l-iskema ser tkopri sa massimu ta' €100,000. Il-Kunsill Lokali ser ikun qed iħallas id-differenza tal-ispiża u ser ikun qed japplika għal total ta' madwar €26,614.

L-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-proġett filwaqt li l-Kunsill Lokali ser ikun qed jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%.

Proponent
Stefan Cordina

Sekondant
Dr. Helen Caruana

Dr. Cassar saqsa fuq il-*bike repair station*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ċemplet u qalulha li għadhom qed jevalwawhom.

Dr. Caruana saqsiet jekk dawn il-fondi msemmija fl-iskema hux biżżejjed? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ammont hu skont il-kwotazzjonijiet miġbura imma li xorta trid toħroġ tender għax l-ammonti jaqbżu l-€10,000.

## 27.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

27.7.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet iċċekkjat minn Dr. Caruana. Dr. Caruana saqsiet fuq Item 39 u 40 Synthesis Management. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dak hu l-*Contract Manager* li jiċċekkja l-kuntratti tal-Kunsill u li s-sejħa tiegħu inħarġet b'sejħa għall-kwotazzjonijiet fuq l-epps. Saqsiet ukoll fuq il-perjodu ta' ħlas tal-kont tad-dawl u ilma tal-Uffiċini Item 10 Attard Football Club €823. Is-Sur Cordina qal li dan hu l-kont bejn Jannar u 9 ta' Ġunju 2026. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħallsu xi €500 fis-6 xhur ta' qabel jiġifieri minn Ġunju 2025 sa Ġunju 2026 €1300.

Is-Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.

Proponent: Sur Paul Ciantar Sekondant: Sinjorina Nicole Portelli

L-iskedi ġew approvati.

Dr. Cassar reġa' saqsa fuq l-ewwel rapport tal-kwart tas-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet Q1 ikun lest Awwissu, Q2 Settembru u Q3 Ottubru 2026. Hekk hu l-pjan.

## 27.8 Mozzjonijiet; u

27.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 27.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

27.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.44pm u ġiet aġġornata għad-29 ta' Lulju 2026 fil-5.30pm
Laqgħat oħra se jsiru fis-26 ta' Awwissu u 30 ta' Settembru 2026

Konfermati illum, 29 ta' Lulju 2026.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud Mintoff
Segretarju Eżekuttiv